Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦA AH HOC**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**Il-Ġimgħa, 26 t'Ottubru, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-7.00pm.

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

Aġenda:

- Pjazza Madonna ta' Loreto
- Bethlehem f'Għajnsielem

**Pjazza Madonna ta' Loreto**

Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa fejn qal li f'Settembru kienet se toħroġ l-istqarrija li ħarġet fil-Bullettin ta' nhar is-Sibt, iżda dakinhar l-Isqof kien żammha milli toħroġ fuq il-Bullettin. Skond il-ftiehim mal-Isqof, din l-istqarrija m'għadhiex tgħodd peress li sar qbil fuq stqarrija oħra wara. Din l-istqarrija ġiet konkluża wara diversi emendi tal-Kunsill, u l-approvazzjoni tal-Ministru għal-Għawdex. Is-Sindku qara din l-istqarrija maqbula bejn il-partijiet ikkoncernati.

Is-Sindku rrefera għal-ittra /li dehret fuq Il-Mument u L-Orrizont il-ġimgħa li għaddiet, fejn issemmiet il-Pjazza. Dawn iż-żewġ ittri taw indikazzjoni li l-Arċipriet qed iżomm il-proġett milli jseħħ, fejn jista' jkun li għalhekk l-Arċipriet ġab dik l-istqarrija fuq il-Bullettin. Il-Kunsill qabel li rrelevanti għaliex ġab dik l-istqarrija l-Arċipriet, għaliex dan ma kien messu qatt għamel hekk. Dan għaliex il-ftehim bejn l-Isqof u s-Sindku kien li l-istqarrija toħroġ fuq il-Bullettin bil-qbil tal-partijiet kollha.

Larry Buttiġieġ staqsa lis-Sindku jekk kellux xi laqgħat ma individwi politiċi fuq il-Pjazza. Is-Sindku assigura lil Kunsill li din qatt ma ġrat tul dawn l-aħħar 7 snin. Il-lagħqat li kellu kienu mal-Ministru għal Għawdex, fejn dejjem attenda l-Kunsill kollu għaliex l-Ministeru għal Għawdex jagħmel parti minn dan il-Proġett. Larry staqsa jekk il-

Pjazza qatt xi darba kienet miżmuma politikament. Hawn is-Sindku rrisponda li din il-ħaġa qatt ma ġrat. Il-Kunsill qabel ma Larry Buttiġieġ, fejn l-ittra li dehret fuq il-Mument għandha tiġi kkundanata. Il-Kunsill qabel li l-ittra għamlet aktar ħsara milli-ġid.

Is-Sindku kompla jgħid li l-Arċipriet ma ħax pjaċir b'dawn l-ittri fuq il-gazzetti, u b'rabja ħareg dik l-istqarrija fuq il-Bullettin. Malli ra din l-istqarrija, is-Sindku mar għand Dun Eddie fil-Kappella taċ-Ċawla, fejn dan ikkonferma li din l-istqarrija ma kelliex toħroġ fuq il-Bullettin. Is-Sindku kompla jgħid li din l-istqarrija ħarġet kontra kull prinċipju u rġulija, għaliex dik l-istqarija ma kinetx approvata mill-Kunsill u Ministru għal-Għawdex. Is-Sindku staqsa lil Dun Eddie kif ma tawx risposta fuq l-aħħar kuntratt *draft* li ħejjiet l-avukata Tatienne Cassar mill-Ministeru għal-Għawdex. Milli jidher, Dun Eddie ma realizzax li riedu jagħtu risposta qabel ma l-Kunsill iġib l-approvazzjoni mid-Dipartiment biex isir l-imsemmi xogħol. Dun Eddie għandhu jagħti risposta lill-Kunsill mill-aktar fis.

Is-Sindku qara lill-preżenti l-aħħar kuntratt tax-xogħolijiet fuq il-Pjazza mħejji mill-Avukata Tatiane. Is-Sindku qal li l-Kurja ma taqbilx mal-punt tal-attivitajiet, fejn iridu li tiżdied klawżola magħha fejn il-Kunsill irid jitlob permess mill-Arċipriet biex itella' attivita`. Saret diskussjoni, u il-Kunsill qabel li l-kuntratt *(draft)* jibqa kif ġie preżentat u ma tiżdied l-ebda klawżola. Is-Sindku għandu jikkomunika ma Dun Eddie b'din l-informazzjoni.

Il-Kunsill qabel li jekk l-Kurja tibqa ma taċċettax dan il-kuntratt, issir laqgħa mal-partijiet kollha biex issir diskussjoni aktar fit-tul.

## Bethlehem f'Għajnsielem

Franco Ciangura wiegħed li sal-ġimgħa d-dieħla se joħroġ ir-rapport finanzjarju tal-attivita` 2011-2012. Huwa kompla jgħid li l-problema li din is-sena ma jsirx kienet n-nuqqas tal-volontarjat għax qatgħu qalbhom li xi darba joħroġ il-permess *(full-application)*, fejn fil-każ kieku ħareġ kien ser jitnaqqas ħafna mix-xogħol darba għal dejjem.

Is-Sindku qal li għal darb'oħra, il-Kunsill kien lest li joħroġ il-finanzi neċessarji biex jerġgħa jsir Bethlehem f'Għajnsielem għal-ħames darba. Franco Ciangura qal li l-proġett kiber b'ritmu mgħaġġel u l-volontiera m'humiex ilaħqu mal-proġett li jitwaqqa' u jittella' kull sena.

Il-Kunsill, qed jaħdem biex din l-attivita terġgħa tibda issir mis-sena d-dieħla, fejn sa dak iż-żmien il-permess *full-application* tal-MEPA ikun ħareġ u ċertu xogħolijiet isiru tal-fiss. Franco Ciangura qal illi l-Fondazzjoni se toħroġ stqarrija fejn tirringrazzja lill-partijiet li kienu nvoluti tul dawn l-aħħar 4 snin, fosthom il-Kunsill Lokali t'Għajnsielem. Fl-istqarrija jissemma l-punt illi din l-attivita` setgħet issir b'permess ta' DNO, iżda peress li sa l-aħħar ta' Jannar irid jiżżarma kollox, dan ma kienx ser ikun vijabbli li jerġa` jiżżarama. Jingħad ukoll illi din is-sena ma jistghax isir minħabba din il-problema, iżda jerġa` jsir is-sena d-dieħla bil-*full application* permess tal-MEPA.

Il-Kunsill stqarr li huwa onorat li dawn l-aħħar 4 snin ġiet imtella din l-attvita' Bethlehem f'Għajnsielem li attirat eluf ta' nies. Is-Sindku qal li kienet twaqfet il-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem biex tieħu ħsieb dan il-proġett, u minn naħħa tal-Kunsill din is-sena wkoll kien lest li jerġa` jsir bħas-snin l-imgħoddija fuq permess ta' DNO. Il-Kunsill għaddej bil-proġett tal-applikazzjoni tal-permess għal-*recreational park* u *Christmas Village* għaż-żmien il-Milied. Il-Kunsill jiddispjacih li għal din is-sena ma jistgħax isir, iżda malli jiġi approvat il-permess tal-MEPA, u l-MRRA jestendu ż-żmien li nissotomettu il-permess tal-MEPA, jibda x-xogħol fuq il-Programm Mizura 313, fejn dawn il-fondi se jintefqu fuq ir-*Recreational Park.*

**Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-9.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv